# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 57/01**

**Numru 44**

**David Ellis bhala Bursar u fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**vs**

**John u Margaret Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba mija disgha u ghoxrin liri Maltin (Lm429) rappresentanti drittijiet tal-Kullegg imsemmi fl-avviz ta' taghlim u edukazzjoni, in konnessjoni mat-tifel tal-konvenuti li kien student fl-istess Kulegg u dan skond kont li jgib id-data ta' l-ewwel (1) ta' Settembru, elf disa' mija tmienja u disghin (1998) li kopja tieghu anness mal-avviz u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-hamsa u ghoxirn (25) ta' Novembru elf disa mija disgha u disghin (1999) u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat d-dokument anness mal-atti a fol 2.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-11 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm429.00,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi l-V.A.T. u dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1999.

Alan Calleja
Deputat Registratur